MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Numru. 682/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Bernard C. Spiteri**

**vs**

**Matthew Borg**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Matthew Borg ta' 34 sena iben Roger u Yvonne nee' Micallef imwieled Pieta' fis-17 ta' Jannar 1977 u residenti Mayflower Court Apt 4 Triq San Alwigi, Msida u detentur tal-karta tal-identita' numru 146777 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar il-21 t'April 2011 f'xi hin bejn 8.30a.m. u 9.00a.m. waqt li kien qieghed fi Triq Sir Ugo Mifsud, Lija jew fil-vicinanzi ;

1. Volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor ghad-dannu ta’ Anthony Bonnici, liema hsara teccedi aktar minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47c) izda li ma taqbizx l-elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69c).

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 1 ta’ Gunju 2011 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-7 ta’ Lulju 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw hsara volontarja konsistenti fi grif fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAD 914 tal-marka Opel Astra allegatament kagunata fil-21 ta’ April 2011 bejn it-8.30am u 9.00am waqt li l-istess vettura kienet parkeggjata quddiem il-bieb tad-dar tal-propjetarju tal-istess vettura Anthony Bonnici fi Triq Sir Ugo Mifsud, f’Hal-Lija. Mill-provi rrizulta li fil-gurnata in dizamina l-imputat Matthew Borg li precedentement kien mizzewweg lit-tifla ta’ Anthony Bonnici, u cioe’ lil Claire Bonnici, kien mar jigbor lit-tifel tal-koppja ghall-habta tat-8.30am mid-dar tal-genituri taghha fejn kienet qed tirrisjedi flimkien mat-tifel. L-access skond id-digriet tal-Qorti kien jibda fid-9.00am izda l-imputat wasal nofs siegha kmieni u meta habbat fuq il-bieb ta’ Anthony Bonnici mart dan tal-ahhar infurmatu li kien ghadu kmieni wisq u huwa ghalhekk qaghad jistenna barra sad-9.00am sakemm imbaghad harget Maria Bonnici bit-tifel u l-imputat dahal

fil-vettura tieghu mat-tifel u telaq minn fuq il-post. Fl-istess gurnata fid-9.00am Anthony Bonnici mar jaghmel rapport l-Ghassa ta' Hal-Balzan fejn qal li huwa kien ra lill-imputat mit-tieqa tad-dar tieghu b'daru lejn il-vettura tieghu (ta' Bonnici) b'cavetta f'idejh u jigref din il-vettura bl-istess cavetta.

Anthony Bonnici li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-7 ta' Lulju 2011 sostna li fil-gurnata in dizamina l-imputat kien mar jigbor lit-tifel ghall-access nofs siegha qabel il-hin li suppost kellu jigbru u meta dan habbat il-bieb martu infurmatu li ma setghax jiehdu f'dak il-hin ghaliex kien ghadu kmieni u l-imputat ghalhekk baqa' jistenna barra. Bonnici sostna lli huwa kien qed ihares mit-tieqa tas-salott u ra lill-imputat b'daru lejn il-vettura tieghu b'cavetta f'idejh qed jobroxlu l-istess vettura. Il-parti civili ghajjat lil martu Maria Bonnici[1] fejn din ukoll rat lill-imputat jigref il-vettura taghhom bic-cavetta. Anthony Bonnici spjega li l-imputat kien giref il-vettura tieghu fuq il-bieba ta' wara tal-lemin. Huwa esebixxa stima tal-hsarat fil-vettura tieghu[2] u ritratt tal-hsarat[3] fejn gie indikat li l-ammont ta' hsara kien ta' €175. Ix-xhud sostna inoltre li meta harget mid-dar bintu Claire Bonnici ftit tal-hin qabel ma wasal fuq il-post l-imputat hija kienet rat li l-grif li sabu wara li telaq l-imputat ma kienx hemm. Anthony Bonnici qal ukoll li l-vettura tieghu kellha hafna grif iehor izda l-grif in dizamina ma kienx hemm qabel dakinhar. Meta xehdet Maria Bonnici, mart Anthony Bonnici, hija qalet li meta sejhilha zewgha kienet rat lill-imputat jigref il-vettura taghhom b'cavetta izda indikat li l-grif sar fil-bieba ta' quddiem tan-naha tal-passiggier. Claire Bonnici[4] qalet li meta harget mid-dar hija kienet iccekjat il-vettura ta' misserha u ma kinitx sabet il-grif li mbaghad gie riskontrat wara li telaq l-imputat.

L-imputat Matthew Borg kemm meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-14 ta' Gunju 2012 kif ukoll fl-

---

[1] Li wkoll xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-7 ta' Lulju 2011
[2] Dok. AB1 a fol. 35 .
[3] Dok. AB2 a fol. 36
[4] Li xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udejnza tad-9 ta Marzu 2012.

istqarrija minnu rilaxxjata a tempo vergine[5] dejjem cahad li huwa kien giref il-vettura ta' Anthony Bonnici. Huwa spjega li fil-gurnata in dizamina kellu qadja u mbaghad mar jigbor lit-tifel minghand il-genituri tal-ex mara tieghu f'Hal-Lija u minhabba l-qadja wasal nofs siegha qabel mill-hin indikat mill-Qorti ghall-access. L-imputat qal li huwa kellu arrangjament ma' l-ex mara tieghu li malli jasal huwa jcempel darba fuq il-mobile taghha u jaqta' sabiex hija tkun taf li wasal u tohrog bit-tifel. Huwa spjega li dakinhar hekk ghamel izda meta ra li ma hareg hadd mar ihabbat il-bieb fejn fethitlu omm il-mara u qaltlu li kien ghadu kmieni u huwa ghalhekk irrispondiha li ma kinitx problema u li kien ser jistenna barra. Huwa jghid li qaghad barra l-bieb tal-garaxx tar-residenza tal-konjugi Bonnici u wara ftit minuti harget it-tifla l-ohra ta' dawn tal-ahhar u marret fil-vettura taghha u huwa dak il-hin mar jistenna' fil-vettura tieghu li kienet parkeggjata ftit l-isfel mir-residenza tal-parti civili izda qal Ii minn dik il-posizzjoni xorta wahda seta' jara l-bieb ta' barra taghhom. L-imputat qal li fid-9.00am harget Maria Bonnici bit-tifel u halliet lit-tifel jaqsam it-triq sakemm gie hdejh u huma dahlu fil-vettura u telqu minn fuq il-post. L-imputat spjega li Maria Bonnici ma qaltlu xejn meta harget lit-tifel. Huwa spjega inoltre li wara ftit tal-hin cemplulu l-Pulizija u talbuh imur ikellimhom u meta mar kellu lit-tifel mieghu u dan fehem x'kien qed jigri u ghalhekk meta aktar tard akkompanjah lura d-dar u rah jispezzjona il-vettura ta' Anthony Bonnici it-tifel qallu li dak il-grif kien ilu hemm.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-provi prodotti mill-partijiet f'dan il-kaz jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti ghal kollox kunfliggenti fejn min-naha l-wahda Anthony Bonnici u martu qed isostnu li raw lill-imputat jigref il-vettura taghhom bic-cavetta filwaqt li min-naha l-ohra l-imputat qed jichad kategorikament li huwa ghamel xi haga simill. Filwaqt li huwa minnu li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata, fil-kaz odjern il-kunflitt ihalli certu dubji

[5] Inserita a fol.  17 u 18 tal-atti processwali.

jekk effettivament l-imputat ikkagunax hsara fil-vettura tal-parti civili fil-gurnata, lok u hin indikati fic-charge sheet. Meta wiehed jara l-isfond li fih sar ir-rapport u meta wiehed jikkunsidra li ma hemmx qbil bejn il-konjugi Bonnici dwar fejn fil-vettura taghhom giet kagunata l-hsara, din il-Qorti ma tistghax tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad ta’ lil hin minn kull dubju dettat mir-raguni li fil-21 ta’ April 2011 l-imputat effettivament giref il-vettura tal-konjugi Bonnici bic-cavetta. Anthony Bonnici fil-fatt jiddikjara li ra lill-imputat jigref il-bieba ta’ wara tan-naha tal-lemin tal-vettura tieghu filwaqt li Maria Bonnici tghid li ratu jigref il-bieba ta’ quddiem tan-naha tal-passiggier. Maria Bonnici mhux biss indikat in-naha l-hazina tal-vettura izda qalet ukoll li l-hsara giet kagunata fuq il-bieba ta’ quddiem minflok fuq dik ta’ wara. Irid inoltre jigi rilevat li Maria Bonnici ma ndikatx in-naha billi qalet ‘xellug’ jew ‘lemin’ fejn allura wiehed seta’ jaccetta li forsi tfixklet izda hija indikat specifikatament li rat lill-imputat jikkaguna hsara fuq il-bieba ta’ quddiem tal-passiggier. Meta l-Qorti kkunsidrat ukoll li Anthony Bonnici jghid ukoll li l-vettura tieghu kellha hafna grif iehor din il-Qorti ma tistghax ma jkollhiex dubji dwar dak allegat minn Anthony Bonnici u minn martu  Dawn id-dubji ovvjament ser jimmilitaw favur l-imputat u l-Qorti ser tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------